KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fit-30 ta' April 2019 [1]

Kawżi magħquda C-508/18 u C-82/19 PPU

Minister for Justice and Equality
vs
R.G.
u
P.I.

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema (l-Irlanda) u mill-High Court (il-Qorti Superjuri, l-Irlanda))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Qafas 2002/584/JHA — Artikolu 6(1) — Mandat ta' arrest Ewropew — Kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" — Prosekutur Pubbliku — Indipendenza quddiem il-poter eżekuttiv"

1. Fil-konkużjonijiet tiegħi fil-kawża f'Özçelik [2] iddikjarajt li "[g]ħalkemm wieħed jista' jitħajjar jipprova jagħti risposta ġenerali issa għad-domanda dwar il-leġittimità tal-Uffiċċji tal-Prosekutur [tal-prosekuturi pubbliċi] tal-Istati Membri sabiex joħorġu mandati ta' arrest Ewropej, jien ma naħsibx li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa l-opportunità xierqa"; dan kien peress dak iż-żmien kien meħtieġ li jiġi deċiż jekk il-Prosekutur Pubbliku setax joħroġ mandat ta' arrest nazzjonali konformement mal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] 2002/584/JHA [3].

2. Din l-okkażjoni qamet issa, insegwitu għal żewġ rinviji għal deċiżjoni preliminari li fihom żewġ qrati Irlandiżi jeħtieġu li jkunu jafu jekk il-Prosekutur Pubbliku Ġermaniż jistax jiġi kkwalifikat bħala "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas u, bħala tali, huwiex intitolat li joħroġ mandat ta' arrest Ewropew.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Id-Deċiżjoni Qafas Nru 2002/584

3. Il-premessi 5, 6 u 10 jaqraw:

"(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u li din tiġi sostitwita b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. […]

1 Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

2 C-453/16 PPU, EU:C:2016:783, punt 45.

3 Id-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34), fil-verżjoni tagħha kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas").

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

[…]

(10) Il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' ksur serju u persistenti minn wieħed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, determinati mill-Kunsill skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tiegħu."

4. Konformement mal-Artikolu 1 ("Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligazzjoni li jiġi esegwit"):

"1. "Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni."

2 L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

3 Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu ta' rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."

5. L-Artikolu 6, taħt it-titolu "Determinazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti", jipprevedi li:

"1. L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti li hi kompetenti biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-liġi ta' dak l-Istat.

2 L-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li hi kompetenti biex teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-liġi ta' dak l-Istat.

3 Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bl-awtorità ġudizzjarja kompetenti taħt il-liġi tiegħu."

B. Id-dritt nazzjonali. Il-Gerichtsverfassungsgesetz[4]

6. L-Artikolu 146 jipprevedi:

"L-uffiċjali tal-prosekutur pubbliku għandhom josservaw l-istruzzjonijiet uffiċjali mogħtija mis-superjuri tagħhom."

7. L-Artikolu 147 jipprevedi:

"Id-dritt ta' superviżjoni u ta' tmexxija huwa ta':

1. il-Ministru Federali tal-Ġustizzja fir-rigward tal-Prosekutur Ġenerali Federali u l-prosekuturi federali;

4 Il-liġi Ġermaniża dwar l-organizzazzjoni ġudizzjarja (iktar 'il quddiem il-"GVG").

2. l-Amministrazzjoni tal-Land fir-rigward tal-uffiċjali kollha tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku tal-Land inkwistjoni;

3. l-iktar uffiċjal ogħli tal-prosekutur pubbliku quddiem il-qrati reġjonali superjuri ċivili u kriminali u quddiem il-qrati reġjonali ċivili u kriminali fir-rigward tal-uffiċjali kollha tal-prosekutur pubbliku tal-qorti distrettwali kkonċernata.

[…]"

8. L-Artikolu 150 jipprevedi li:

"Il-prosekutur pubbliku huwa indipendenti mill-qrati fit-twettiq tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu."

9. L-Artikolu 151 jistipula li:

"Il-prosekuturi ma jistgħux jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji. Barra minn herkk, ma jistgħux jiġu fdati bis-superviżjoni tal-attività ġudizjarja".

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

A. Il-Kawża C-508/18

10. Fit-13 ta' Mejju 2016, il-Prosekutur Pubbliku quddiem il-Landgericht Lübeck (il-Qorti Reġjonali ta' Lübeck, il-Ġermanja) ħareġ mandat ta' arrest Ewropew kontra O.G., ċittadin Litwan residenti fl-Irlanda għal reat ta' "omiċidju volontarji, offiżi gravi fuq il-persuna", reati li allegatament wettaq fl-1995.

11. Quddiem il-High Court (il-Qorti Superjuri, l-Irlanda), O.G. oppona l-konsenja tiegħu għar-raġunijiet, fost oħrajn, li l-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck ma kienx "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas.

12. Il-High Court (il-Qorti Superjuri), fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Marzu 2017, ċaħdet il-motiv imressaq minn O.G., billi ddeċidiet li d-dritt Ġermaniż jistabbilixxi l-indipendenza tal-Prosekutur Pubbliku u l-poter eżekuttiv jista' tintervjeni biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li ma kienx il-każ inkwistjoni.

13. Is-sentenza tal-ewwel istanza ġiet ikkonfermata fl-appell mill-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda), li applikat il-kriterji ta' "indipendenza funzjonali" u tal-"funzjonament indipendenti *de facto*" fuq il-linja żviluppata mis-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema, ir-Renju Unit) fil-kawża Assange vs Swedish Prosecution Authority[5].

14. Wara li ġie ppreżentat rikors quddiem is-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda) din il-qorti għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE:

"1) L-indipendenza ta' prosekutur pubbliku mill-poter eżekuttiv għandha tiġi deċiża skont il-pożizzjoni tiegħu taħt l-ordinament ġuridiku nazzjonali rilevanti? Fil-każ ta' risposta negattiva, liema huma l-kriterji li abbażi tagħhom għandha tiġi deċiża l-indipendenza mill-poter eżekuttiv?

5 Sentenza tat-13 ta' Mejju 2012, [2012] UKSC 22.

2) Prosekutur pubbliku li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, huwa suġġett għal ordni jew istruzzjoni, kemm direttament jew indirettament mill-Ministeru tal-Ġustizzja, huwa suffiċjentement indipendenti mill-poter eżekuttiv sabiex jiġi kkunsidrat bħala awtorità ġudizzjarja fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru?

3) Fil-każ ta' risposta pożittiva, il-prosekutur pubbliku għandu jkun ukoll indipendenti fil-funzjonijiet tiegħu mill-poter eżekuttiv u liema huma l-kriterji li abbażi tagħhom għandha tiġi deċiża indipendenza tal-funzjonijiet?

4) Jekk jitqies li huwa indipendenti mill-poter eżekuttiv, prosekutur pubbliku li l-funzjonijiet tiegħu huma limitati għal li jibda u jmexxi investigazzjonijiet u li jiżgura li tali investigazzjonijiet jitwettqu b'mod oġġettiv u legali, li joħroġ atti ta' akkuża, li jeżegwixxi deċizjonijiet ġudizzjarji u li jmexxi l-prosekuzzjoni ta' reati, u li ma għandux kompetenza li joħroġ mandati ta' arrest nazzjonali u lanqas ma jista' jwettaq funzjonijiet ġudizzjarji, jista' jitqies li huwa "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru?

(5) Il-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck huwa awtorità ġudizzjarja fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri?"

B. Kawża C-82/19 PPU

15. Fil-15 ta' Marzu 2018, il-Prosekutur Pubbliku ta' Zwickau (il-Ġermanja) ħareġ mandat ta'arrest Ewropew kontra P.I. għal proċeduri kriminali peress li allegatament wettaq total ta' seba' reati ta' serq, li għandhom piena massima ta' għaxar snin priġunerija.

16. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-High Court (il-Qorti Superjuri) qablet mal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u konsegwentement P.I. ġie arrestat fil-15 ta' Ottubru 2018, u minn dak iż-żmien 'l hawn baqa' mċaħħad mil-libertà.

17. P.I. oppona l-konsenja tiegħu peress li l-Prosekutur Pubbliku ta' Zwickau ma huwiex "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas.

18. F'dan il-kuntest, il-High Court (il-Qorti Superjuri) ressqet ħames domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja identiċi għal dawk magħmula mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema) fil-Kawża C-508/18, bid-differenza biss li l-ħames waħda tirreferi għall-Prosekutur Pubbliku ta' Zwickau.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Id-domandi preliminari ġew irreġistrati fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Awwissu 2018 u fil-5 ta' Frar 2019 rispettivament. Ġew ittrattati bi prijorità (C-508/18) jew skont il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (C-82/19 PPU).

20. Ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub O.G., P.I., il-Minister for Justice and Equality (il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Ugwaljanza, l-Irlanda), il-Gvern Ġermaniż, dak Awstrijak, Franċiż, Ungeriż, Litwan, Olandiż u Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni. Fis-seduta li saret fis-26 ta' Marzu 2019 flimkien mal-Kawża C-509/18, Minister for Justice and Equality u P.F., dehru, minbarra dawk li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub — bl-eċċezzjoni tal-Gvern Ungeriż u dak Pollakk — il-Gvern Daniż u dak Taljan.

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

21. L-ewwel erba' domandi, imqajma fuq l-istess termini mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema) u mill-High Court (il-Qorti Superjuri), huma miġbura fil-qosor fil-ħames waħda ta' dawn iż-żewġ proċeduri, jiġifieri jekk il-Prosekuturi Pubbliċi ta' Lübeck u ta' Zwickau jistgħux jiġu kkwalifikati bħala "awtorità ġudizzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas".

22. Skont iż-żewġ qrati tar-rinviju, il-kriterju ewlieni sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni huwa l-indipendenza tal-Prosekutur Pubbliku mill-poter eżekuttiv. Huma jridu jkunu jafu, għaldaqstant, liema fatturi jista' jkollhom effett fuq l-evalwazzjoni ta' din l-indipendenza, filwaqt li semmew dan li ġej:

– il-pożizzjoni tiegħu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali (l-ewwel domanda);

– il-fatt li huwa suġġett għal struzzjonijiet eventwali mill-Ministeru għall-Ġustizzja (it-tieni domanda); u

– il-grad ta' "indipendenza funzjonali" mill-Ministeru għall-Ġustizzja (it-tielet domanda).

23. Fl-ipoteżi li huwa indipendenti mill-poter eżekuttiv, il-qrati tar-rinviju jispeċifikaw li jridu jkunu jafu, barra minn hekk, jekk il-Prosekutur Pubbliku Ġermaniż, bħala korp li jinvestiga, jeżerċita l-azzjoni kriminali u jeżegwixxi deċiżjonijiet ġudizzjarji, iżda ma joħroġx mandati ta' arrest nazzjonali u lanqas ma jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, huwiex "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas (ir-raba' domanda).

24. L-indipendenza hija, evidentement, *il*-karatteristika istituzzjonali tal-awtorità ġudizzjarja fi stat ta' dritt[6]. Din hija kwalità mogħtija (u rikjesta minnhom) lill-korpi ġudizzjarji sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod adegwat il-funzjoni speċifika li l-Istat jafdalhom, esklużivament, skont il-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri. Hija kwalità strumentali, miżjuda mal-funzjoni li hija marbuta magħha, iżda wkoll essenzjali għall-eżistenza ta' stat ta' dritt ġenwin.

25. Sabiex il-Prosekutur Pubbliku jiġi kkwalifikat bħala awtorità ġudizzjarja fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas għandu jiġi evalwat, fl-ewwel lok, jekk iwettaqx funzjoni li hija sostanzjalment komparabbli għal dik attribwita lill-poter ġudizzjarju. Fl-affermattiv, ser neżamina jekk huwiex f'pożizzjoni li jeżerċitaha b'mod indipendenti[7].

26. Fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt, wieħed jista' jirrileva xi ineżattezzi (xi drabi purament terminoloġiċi) li wasslu, għall-inqas parzjalment, għad-dubji taż-żewġ qrati tar-rinviju. Nemmen li dawn id-dubji jistgħu jissolvew jekk, kif nissuġġerixxi, wieħed, b'mod partikolari, jikkonċentra fuq il-kontenut tipiku tal-funzjoni ġudizzjarja.

6 Sabiex insemmi test klassiku fost diversi, Simon, D., *Die Undabhängigkeit des Richters*, WBG, Darmstadt, 1975.

7 Li tkun indipendenti ma huwiex ekwivalenti għal li wieħed sempliċement jaġixxi b'mod oġġettiv jew b'mod mhux arbitrarju. Awtoritajiet pubbliċi oħra, bħall-amministrazzjoni, għandhom ukoll jikkonformaw mal-prinċipji ta' oġġettività u imparzjalità, mingħajr ma tista' tingħatalhom il-karatteristika tal-indipendenza. Din tal-aħħar hija l-garanzija istituzzjonali proprja li tippermetti lill-poter ġudizzjarju li taġixxi esklużivament suġġetta għal-liġi. L-indipendenza ġudizzjarja ma hijiex komparabbli mal-istatus ta' istituzzjonijiet oħra li għandhom jirrikonċiljaw l-attivitajiet tagħhom fil-kuntest tad-drittt suġġetti għad-direzzjoni politika tal-gvern leġittimu, li hija parti integrali mill-funzjonament tal-Istat demokratiku.

27. Meta eżaminat il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li "jeħtieġ, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi"[8], u li "is-sens u l-portata [tagħha] […] ma jistgħux jitħallew għall-evalwazzjoni ta' kull Stat Membru"[9].

28. Sabiex tiddefinixxi dan il-kunċett awtonomu, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-kliem "awtorità ġudizzjarja" li jinsabu f'din id-dispożizzjoni "ma jindikawx biss l-imħallfin u l-qrati ta' Stat Membru, iżda jippermettu li jiġu koperti, b'mod iktar wiesa', l-awtoritajiet imsejħa sabiex jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-ordinament ġuridiku kkonċernat[10]"

29. Il-possibbiltà li jiġi *estiż* il-kontenut ta' dan il-kunċett, madankollu, ma tilħaqx il-punt li jinftiehem li jinkludi s-servizzi tal-pulizija[11] jew ta' organu tal-poter eżekuttiv[12].

30. Wara l-espożizzjoni tar-raġunijiet għall-kwalifika tal-pulizija jew ta' korp tal-poter eżekuttiv bħala "awtorità ġudizzjarja", il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat żewġ karatteristiċi li jridu jiġu ssodisfatti minn istituzzjoni sabiex tikkwalifika bħala "awtorità ġudizzjarja"[13]:

– fl-ewwel lok, dawn għandhom ikunu awtoritajiet "li jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja", li jfisser, skont il-prinċipju tas-seperazzjoni tal-poteri, l-esklużjoni tal-awtoritajiet tal-gvern jew is-servizzi tal-pulizija[14].

– fit-tieni lok, huma għandhom ikunu f'pożizzjoni li jiżguraw li "d-deċiżjonijiet dwar mandat ta' arrest Ewropew jibbenefikaw mill-garanziji proprji għal dan it-tip ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari minn dawk li jirriżultaw mid-drittijiet fundamentali", filwaqt li jiġi ggarantit li "l-proċedura kollha ta' konsenja bejn Stati Membri […] tkun eżerċitata taħt stħarriġ ġudizzjarju"[15].

31. Dan l-aħħar punt huwa fundamentali sabiex "tingħata l-assigurazzjoni lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew ibbenefika minn […] stħarriġ ġudizzjarju"[16]. B'hekk hija mħarsa l-premessa li hija l-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, stabbilit fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas[17].

32. Fl-opinjoni tiegħi, l-ewwel wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, jiġifieri li wieħed *jipparteċipa* fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, huwa biżżejjed sabiex ma jiġux ikkwalifikati bħala "awtoritàjiet ġudizzjarji" l-istituzzjonijiet li l-appartenenza tagħhom għall-eżekuttiv tkun magħrufa (mill-ġdid, il-pulizija jew dipartiment fi ħdan il-gvern stess). Iżda, minbarra l-kapaċità virtwali tiegħu, sabiex jiġi ddefinit il-perimetru estern tal-kunċett (sabiex jiġi ddefinit f'termini negattivi), l-utilità tiegħu fit-tfassil ta' kunċett pożittiv (sabiex jiġi ddefinit il-kontenut tiegħu) hija marbuta mat-tieni rekwiżit: dak li jiġu żgurati b'mod xieraq id-drittijiet fundamentali involuti fil-proċedura għall-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew.

8 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 32).

9 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 31). Dan kollu għar-raġunijiet esposti fil-punti 24 sa 30 ta' dik is-sentenza.

10 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 33) u s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas (C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punt 34).

11 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 35).

12 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas (C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punt 35).

13 Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għall-kuntest li fih jinsab l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas u l-għanijiet ta' din tal-aħħar. Dawn huma ż-żewġ mudelli ta' interpretazzjoni li, mal-interpretazzjoni litterali, spiss jitqiesu sabiex jiġi interpretat id-dritt tal-Unjoni. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257, punt 45).

14 Sentenzi tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 35), tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas (C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punt 36).

15 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas (C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punt 37).

16 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 45).

17 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas (C-477/16 PPU, EU:C:2016:861, punt 43).

B. Il-parteċipazzjoni fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja

33. Fit-tifsira l-iktar xierqa tagħha stess, l-espressjoni "tamministra l-ġustizzja" tfisser li "teżerċita ġurisdizzjoni", jiġifieri tiġġudika (*jus dicere*), li fl-istat ta' dritt hija rriżervata esklużivament għall-imħallfin u għall-qrati li jiffurmaw parti mill-poter ġudizzjarju tal-Istat [18].

34. Fil-qasam kriminali, l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mill-imħallfin u l-qrati jista' jiddependi, madankollu, fuq l-involviment ta' suġġetti tad-dritt u istituzzjonijiet oħra. B'hekk, pereżempju, l-individwu li jressaq kwerela jew l-awtorità tal-pulizija li twettaq l-inkjesti tagħha (jew *a fortiori* li teżegwixxi ordni ġudizzjarja ta' dehra jew kwalunkwe ordni ġudizzjarja oħra) *ma jipparteċipawx* fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, iżda *jikkolaboraw* fl-eżerċizzju tagħha.

35. Ir-rwol tal-Prosekutur Pubbliku huwa differenti kwalitattivament minn dak ta' dawk is-suġġetti l-oħra, peress li jeżerċita prerogattivi tal-poter pubbliku u, f'dan ir-rigward, għandu s-setgħa bil-liġi li, f'ċerti limiti, jintervjeni fuq il-pożizzjoni ġuridika taċ-ċittadini, jew billi jaffettwa d-drittijiet u l-libertajiet tagħhom jew, min-naħa l-oħra, billi jikkontribwixxi għall-eżerċizzju tagħha.

36. Kif sostnejt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Özçelik [19], il-karatteristika partikolari tal-Prosekutur Pubbliku hija "il-kapaċità tiegħu — meta jkun hekk ipprovdut f'kull Stat Membru fir-regoli kostituzzjonali jew legali tiegħu — sabiex *jipparteċipa* fl-Amministrazzjoni tal-ġustizzja, bħala strument tal-Istat li jibda proċeduri kriminali u, li fil-kuntest tagħhom, jista' anki jadotta, mill-inqas temporanjament u għal perijodi ta' żmien limitati, ordnijiet ta' kustodja u detenzjoni jew deċiżjonijiet ekwivalenti, qabel ma d-detenuti jgħaddu quddiem l-imħallef li jkollu jiddeċiedi dwar il-libertà jew il-priġunerija tagħhom".

37. Il-modalitajiet ta' din il-parteċipazzjoni tal-Prosekutur Pubbliku fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja huma varjati u s-soluzzjonijiet għal xi oqsma ma għandhomx jiġu estrapolati b'mod mekkaniku jew awtomatiku għal oħrajn ta' natura differenti.

38. B'hekk, pereżempju, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/41/UE [20] jsemmi l-prosekuturi pubbliċi fost l-awtoritajiet li jistgħu joħorġu ordni Ewropea ta' investigazzjoni [21]. Id-Direttiva (UE) 2016/800 [22] tikkwalifika, fil-premessa 47 tagħha, il-Prosekutur Pubbliku bħala "awtorità ġudizzjarja", iżda biss sabiex il-veru korp ġudizzjarju jwettaq perjodikament eżami mill-ġdid tad-detenzjoni ta' minuri [23].

18 Hekk enfasizzat il-Kummissjoni fil-punt 28 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha fil-Kawża C-508/18. Barra minn hekk, il-Gvern Franċiż, fil-punt 25 tal-osservazzjonijiet tiegħu fl-istess kawża, u l-Gvern Ungeriż jenfasizzaw, preċiżament, ir-rwol tal-Prosekutur Pubbliku fl-istruttura tas-sistema ġudizzjarja (punt 26 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Ungeriż).

19 Konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordon fil-kawża Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:783, punt 52).

20 Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU 2014, L 130, p. 1, Rettifika fil-ĠU 2015, L 143, p. 16). Il-Gvern Awstrijak u dak Pollakk jirreferu għal din id-direttiva fl-osservazzjonijiet tagħhom fil-Kawża C-508/18 (rispettivament fil-punti 35 u 17).

21 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/41 jiddefinixxi l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali bħala "[…] deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa jew validata minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ('l-Istat emittenti') sabiex waħda jew aktar miżuri investigattivi speċifiċi jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor ('l-Istat ta' eżekuzzjoni') bil-ħsieb li jinkisbu provi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva." Skont l-Artikolu 2(c)(i) ta' din id-direttiva "Għall-finijiet ta' din id-Direttiva […] awtorità emittenti tfisser […] imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew *prosekutur pubbliku* kompetenti *fil-każ ikkonċernat*" (korsiv miżjud).

22 Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 132, p. 1).

23 Din il-premessa taqra' kif ġej: "Id-detenzjoni tat-tfal għandha tkun soġġetta għal rieżami perjodiku minn qorti, li tista' tkun komposta minn imħallef li jippresjiedi waħdu. Għandu jkun possibbli li tali rieżami perjodiku jitwettaq ex officio mill-qorti, jew fuq talba tat-tifel, tal-avukat tat-tifel jew *ta' awtorità ġudizzjarja li mhix qorti, b'mod partikolari prosekutur*" (korsiv miżjud).

39. Dawn ir-referenzi għandhom jiġu analizzati b'attenzjoni. Kif sostnejt fil-konklużjonijiet fil-kawża Özçelik [24] "[h]uwa veru li wieħed ma jistax iqabbel, sempliċiment, l-intervent tal-Uffiċċju tal-Prosekutur f'qasam (li jikkonċerna l-libertà, affettwata mid-detenzjoni tal-persuni) ma' dak f'qasam ieħor (dak tal-kisba tal-provi). Li nixtieq ngħid huwa li l-aċċettazzjoni tiegħu bħala awtorità ġudizzjarja fid-Direttiva 2014/41/UE, għall-ordnijiet ta' investigazzjoni, ma tippreġudikax neċessarjament l-estensjoni ta' din il-kunsiderazzjoni għad-Deċiżjoni Qafas għal dak li jikkonċerna l-mandati ta' arrest Eċwropej".

40. Din hija, kif spjegajt f'dan il-kuntest, "l-informazzjoni regolamentarja, madankollu, [li] tirrappreżenta appoġġ serju għall-approċċ favur interpretazzjoni wiesgħa, tal-kunċett ta' 'awtorità ġudizzjarja fil-modalitajiet tal-kooperazzjoni f'materji kriminali (inkluż il-mandat ta' arrest Ewropew) imsemmija fl-Artikolu 82 TFUE" [25].

41. Għaldaqstant, il-Prosekutur Pubbliku jista' jintervjeni, b'mod kwalifikat fi proċeduri kriminali, jew billi jpoġġi lill-persuni għad-dispożizzjoni tal-qorti, fil-kundizzjonijiet li ser insemmi iktar tard, jew billi jagħmilha iktar faċli sabiex il-qorti tuża l-provi li jistgħu jservu ta' bażi għal kundanna. Fl-ewwel każ, huwa juża l-prerogattivi tiegħu ta' awtorità pubblika sabiex jadotta, b'mod provviżorju u fuq bażi temporanja biss, miżuri li jirrestrinġu l-libertà.

42. Dan kollu huwa suġġett għall-prinċipju ta' legalità u, b'mod partikolari, jirrispetta [26] d-drittijiet individwali li għandhom jingħataw piż differenzjat meta jieħdu miżuri li jillimitawhom fl-eżerċizzju tagħhom.

43. Dak li huwa importanti hawnhekk, speċifikament, huwa jekk in-natura *ġudizzjarja* tal-prosekutur pubbliku, li hija indiskutibbli fil-qasam tal-ksib tal-provi (jew f'oqsma oħra ta' kooperazzjoni fil-liġi kriminali), hijiex ukoll dik li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew, jiġifieri fil-kuntest tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas.

44. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għandha tkun negattiva.

45. Ċertament il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik [27], iddeċidiet li mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Prosekutur Pubbliku jikkostitwixxi "deċiżjoni ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas, peress li hija deċiżjoni li ttieħdet minn dik li għandha tiġi kkwalifikata bħala "awtorità ġudizzjarja" [28].

46. Huwa minnu wkoll li din id-dikjarazzjoni kienet ibbażata fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas stess. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, billi rreferiet għas-sentenza Poltorak, li "l-kunċett ta' 'awtorità ġudizzjarja' għandu jitqies li jirreferi għall-awtoritajiet li jagħmlu parti mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri, bl-esklużjoni tas-servizzi ta' pulizija" [29].

47. Issa, dak li għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Poltorak kienet id-delimitazzjoni negattiva tal-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" [30] fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas sabiex tiġi applikata għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas.

24 Konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:783, punt 51).

25 *Idem.*

26 Ara pereżempju l-punt 26 tal-osservazzjoniiet bil-miktub tal-Gvern Ungeriż.

27 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, C-453/16 PPU, EU:C:2016:860, iktar 'il quddiem, ukoll is-sentenza Özçelik.

28 Il-Qorti tal-Ġustizzja assumiet li, kif indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:782, punt 34), "hemm rabta mill-qrib bejn in-natura ta' deċiżjoni ġudizzjarja u l-kwalità ta' awtorità ġudizzjarja li tirriżulta minnha".

29 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:860, punt 32).

30 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 38).

48. Għall-kuntrarju, naħseb li sabiex jiġi ddelineat b'mod pożittiv il-kontenut ta' tali kunċett, fis-sentenza Özçelik il-Qorti tal-Ġustizzja ma setgħetx tibbaża ruħha fuq is-sentenza Poltorak. Dwar dan il-punt, is-sentenza Özçelik waslet għall-konklużjoni waħdiha li, peress li "l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa awtorità li tagħmel parti mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali ta' Stat Membru […] id-deċiżjoni ta' tali awtorità għandha titqies li hija deċiżjoni ġudizzjarja, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni qafas"[31].

49. Madankollu, fil-fehma tiegħi, barra l-każ tal-esklużjoni tas-servizzi tal-pulizija[32], dak li japplika għall-Artikolu 8(1)(ċ) mhux neċessarjament jgħodd għall-Artikolu 6(1) tal-istess deċiżjoni qafas[33].

50. Nixtieq nagħmilha ċara li, filwaqt li naqbel mingħajr diffikultà li l-prosekutur pubbliku, sa fejn jipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, jista' tiġi kkwalifikat bħala awtorità li tieħu "deċiżjoni ġudizzjarja" li għandha l-karatteristiċi ta' mandat ta' arrest nazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas, dan ma jgħoddx neċessarjament għall-finijiet tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas. Għall-kuntrarju, ma għandux ikun il-każ.

51. Fi kliem ieħor, filwaqt li nikkunsidra, kif sostnejt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Özelik, li l-Prosekutur Pubbliku jista' joħroġ mandat ta' arrest nazzjonali, inqis ukoll li ma jistax joħroġ mandat ta' arrest Ewropew. Għalkemm, mal-ewwel daqqa ta' għajn, din il-pożizzjoni tista' tidher differenti minn dik li sussegwentement issuġġerejt[34]ser nipprova nispjega għaliex dan ma huwiex il-każ.

C. Ir-rwol tal-qorti fil-proċedura tad-Deċiżjoni Qafas

52. Fil-kawża Özçelik, il-kwistjoni kienet jekk deċiżjoni tal-Prosekutur Pubbliku Ungeriż, li kkonfermat mandat ta' arrest maħruġ mill-pulizija, tistax titqies bħala "deċiżjoni ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas.

53. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar din il-kwistjoni f'termini affermattivi dan kien minħabba li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, "il-validazzjoni tal-mandat ta' arrest [tal-Pulizija] mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ċ-ċertezza li l-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq deċiżjoni li għaddiet minn stħarriġ ġudizzjarju"[35].

54. Fil-fehma tiegħi, l-"istħarriġ ġudizzjarju" li jista' jwettaq il-Prosekutur Pubbliku fuq mandat ta' arrest maħruġ mill-pulizija ma jmurx lil hinn mid-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet iddefiniti mil-liġi humiex issodisfatti sabiex, fl-assenza ta' mandat ġudizzjarju espress, persuna titqiegħed f'detenzjoni. Huwa komunement ammesss li, fl-Istati Membri kollha d-detenzjoni jew l-arrest deċiż mill-Prosekutur Pubbliku jista' jsir biss għal perijodu limitat ta' żmien, qabel ma d-detenut jiġi rrilaxxat jew imressaq quddiem il-qorti[36]. Fi kliem ieħor, il-Prosekutur Pubbliku ma jistax, fl-opinjoni tiegħi, jirratifika arrest tal-pulizija li l-kundizzjonijiet u l-effetti tiegħu marru lil hinn minn dawk tal-arresti li huwa stess jista' jiddeċiedi.

31 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 34)

32 U l-"korp tal-poter eżekuttiv ta' Stat Membru, bħal ministeru", kif iddikjarat fis-sentenza Kovalkovas (punt 35).

33 Il-Gvern Ġermaniż, madankollu, fil-punt 76 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu ppreżentati fil-Kawża C-508/18 jinterpreta s-sentenza Özçelik b'mod li qalet impliċitament li l-Prosekutur Pubbliku huwa awtorità ġudizzjarja fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas (kollha). Bl-istess mod esprima ruħu l-Gvern Olandiż fil-punt 14 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu fil-Kawża C-508/18. Għal opinjoni kritika ħafna dwar din il-possibbiltà ara Rodríguez-Piñero M., u Bravo-Ferrer: "*Resolución judicial y autoridad judicial en la orden de detención europea*", *Diario La Ley*, Nru 8876, 2016.

34 Xi whud mill-partijiet involuti f'din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari wettqu qari tal-konklużjonijiet li ppreżentajt fil-kawża Özçelik li ma kinitx taqbel mal-kontenut veru tagħhom.

35 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:860, punt 36).

36 Dawn il-kundizzjonijiet, li għalihom irreferejt fil-punt 56 tal-konklużjonijiet Özçelik ser jiġu sostanzjalment estiżi għall-Istati Membri kollha.

55. Fir-rwol tiegħu bħala garanti tal-legalità u, b'estensjoni, tad-drittijiet individwali, il-Prosekutur Pubbliku huwa għalhekk f'pożizzjoni li jiżgura li l-persuna rikjesta għall-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali "setgħet diġà tibbenefika, fl-ewwel stadju tal-proċedura, mill-garanziji proċedurali u mid-drittijiet fundamentali, li l-protezzjoni tagħhom għandha tiġi żgurata mill-qrati tal-Istat Membru emittenti, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-adozzjoni ta' mandat ta' arrest nazzjonali". [37]

56. Madankollu, ma' din l-ewwel garanzija jew dik tal-bidu trid tiżdied it-tieni waħda, li hija dik tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew. Fil-kliem tas-sentenza Bob-Dogi, "mal-protezzjoni ġudizzjarja prevista fl-ewwel livell fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali, bħal mandat ta' arrest nazzjonali, tiżdied il-protezzjoni li għandha tiġi żgurata fit-tieni livell, fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew, li jista' jseħħ, jekk ikun il-każ, f'termini qosra, wara l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali" [38].

57. Il-protezzjoni li għandha tingħata f'dan it-tieni livell — dak tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew — għandha, madankollu, tiżen fattur ewlieni li ma huwiex kopert mill-ewwel livell tal-proċedura: l-eventwalità ta' nuqqas ta' libertà li ddum ħafna iżjed, fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Huwa fatt importanti li fih innifsu jiġġustifika, fil-fehma tiegħi, li l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew jiġi riżervat għall-imħallfin u l-qrati, bl-esklużjoni tal-prosekutur pubbliku, kif spjegajt iktar 'il fuq.

58. Skont id-Deċiżjoni Qafas il-persuna li kontriha jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew tista' tinżamm f'detenzjoni fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għal perijodu ta' żmien li, f'ċerti ċirkustanzi, jista' jiġi estiż għal mija u għoxrin jum [39].

59. Issa dan huwa terminu li jmur lil hinn minn dak li huma komunement ammess għad-detenzjonijiet ordnati mill-prosekutur pubbliku, li huma dejjem suġġetti għad-deċiżjoni kważi immedjata ta' mħallef jew qorti.

60. Din ma tidhirx, intenni, li hija kwistjoni minuri. Il-Minister for Justice and Equality (il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Ugwaljanza) allega li [40], mingħajr ma tiġi mminimizzata l-importanza tal-indipendenza ta' kwalunkwe korp li joħroġ mandat ta' arrest Ewropew, ir-rekwiżiti tiegħu għandhom ikunu inqas stretti f'dan il-punt milli kieku kienet deċiżjoni dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna kkonċernata.

61. Ma naqbilx ma' din it-teżi. Nifhem li l-possibbiltà ta' ċaħda tal-libertà tant twila bħal dik li tista' tipprovoka l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew hija biżżejjed sabiex tirrikjedi minn min huwa responsabbli għalih indipedenza tant rigoruża bħal dik li hija ggarantita biss lill-awtoritajiet ġudizzjarji *stricto sensu*.

62. Fil-każ ta' mandat ta' arrest nazzjonali, iċ-ċaħda tal-libertà mogħtija inizjalment mill-Prosekutur Pubbliku għandha tiġi mistħarrġa u rriveduta minn imħallef jew qorti f'terminu qasir. Dawn tal-aħħar, barra minn hekk, jiżnu wkoll direttament u immedjatament il-fatti u ċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw id-deċiżjoni li jċaħħdu lill-persuna f'detenzjoni mil-libertà tagħha.

37 Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi (C-241/15, EU:C:2016:385, punt 55).

38 *Idem*, punt 56.

39 Jekk il-persuna kkonċernata ma tagħtix il-kunsens tagħha għall-konsenja, tista' tkompli tiġi mċaħħda mil-libertà sa sittin jum wara li tiġi arrestata (Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni Qafas), li jista' jiġi estiż bi tletin jum addizzjonali (Artikolu 17(4) tad-Deċiżjoni Qafas). Ma' dak iż-żmien, għandu jiżdied it-terminu ta' għaxart ijiem sabiex jingħata titwettaq il-konsenja mid-data tad-deċiżjoni finali tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew (Artikolu 23(2) tad-Deċiżjoni Qafas), li jista' jiġi estiż b'mhux iktar minn għoxrin jum (Artikolu 23(3) u (4) tad-Deċiżjoni Qafas).

40 Punt 30 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu fil-Kawża C-508/18. Partijiet oħra ddefendew l-istess pożizzjoni matul is-seduta.

63. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha tittratta prinċipalment is-sitwazzjoni personali tal-persuna detenuta bil-għan li jiġi ppreżervat il-mandat ta' arrest Ewropew. Ċertament, id-deċiżjoni dwar il-libertà provviżorja għandha tittieħed konformement mad-dritt intern tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni [41], iżda fir-rigward tal-ammont tar-raġunijiet abbażi tal-mandat ta' arrest nazzjonali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' toqgħod biss fuq id-deċiżjoni ta' min, wara li joħroġ u jieħu f'idejh il-mandat ta' arrest nazzjonali, ikun għażel li joħroġ mandat ta' arrest Ewropew [42].

64. Sabiex il-mandat ta' arrest Ewropew jipprovdi lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni l-garanziji rilevanti, huwa meħtieġ li l-persuna li toħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew tkun tista' tikkonferma r-regolarità perfetta tal-mandat ta' arrest nazzjonali li huwa l-bażi tiegħu, u b'mod partikolari li ġew osservati l-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali. Dan jista' jsir biss minn min huwa detentur tal-kompetenza ġudizzjarja.

65. Bla dubju, fl-ewwel livell ta' protezzjoni — dak tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest nazzjonali — il-Prosekutur Pubbliku jista' jipprovdi ċerti garanziji f'dan ir-rigward, iżda biss b'mod provviżorju u sakemm id-deċiżjoni ma tiġix ikkonfermata minn imħallef jew qorti, l-unika awtorità li tista' tipprovdi d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta.

66. Il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva hija, essenzjalment, il-protezzjoni offerta mill-awtorità li teżerċita l-kompetenza ġudizzjarja. Dan ifisser l-awtorità li, peress li tapplika d-dritt għal każ partikolari b'mod irrevokabbli, tiggarantixxi li l-proċedura regolatorja u tat-teħid tad-deċiżjonijiet li twassal għall-applikazzjoni aħħarija tad-dispożizzjonijiet legali previsti mill-ordinament ġuridiku (*jus dicere*) tkun implimentata fil-forma stabbilita minn dan tal-aħħar.

67. Fl-istat ta' dritt, dan ir-rwol huwa r-responsabbiltà esklużiva tal-imħallfin u tal-qrati u mhux ta' awtoritajiet oħra, inklużi dawk li jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, bħall-prosekutur pubbliku. Dawn tal-aħħar ma humiex, bħall-imħallef, suġġetti esklużivament għal-liġi u ma humiex indipendenti fl-istess grad bħall-imħallfin [43], u barra minn hekk huma dejjem suġġetti għad-deċiżjoni finali tal-qorti [44].

68. Jekk il-mandat ta' arrest nazzjonali huwa eżegwit fl-Istat Membru stess, id-deċiżjoni tal-Prosekutur Pubbliku tista' tiġi riveduta *ex post* mill-imħallef jew mill-qorti li quddiemhom tidher il-persuna f'detenzjoni, jekk ma tkunx ġiet irrilaxxata qabel. Jekk il-mandat ta' arrest nazzjonali ma jistax jiġi eżegwit, minħabba li l-persuna mfittxija tinsab fi Stat Membru ieħor, u għalhekk huwa meħtieġ mandat ta' arrest Ewropew, l-istħarriġ ġudizzjarju fuq ir-regolarità tal-mandat ta' arrest nazzjonali jsir fil-mument li jiġi deċiż il-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew. Fiż-żewġ każijiet, il-garanzija ġudizzjarja stabbilita mill-Artikolu 47 tal-Karta tkun ittieħdet kompletament inkunsiderazzjoni.

69. Min-naħa l-oħra, jekk il-Prosekutur Pubbliku jkun jista' joħroġ mandat ta' arrest Ewropew, it-tieni livell ta' protezzjoni tal-proċedura fid-Deċiżjoni Qafas iseħħ fil-kundizzjonijiet ta' urġenza u ta' natura temporanja li huma karatteristiċi tal-garanziji li jiżgura l-prosekutur pubbliku.

41 L-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas. Skont ma qalet is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Frar 2019, TC (C-492/18 PPU, EU:C:2019:108, punt 46: "minkejja li l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jammetti l-possibbiltà, taħt ċerti kundizzjonijiet, ta' ħelsien provviżorju tal-persuna arrestata fuq il-bażi ta' mandat ta' arrest Ewropew, la din id-dispożizzjoni u lanqas dispożizzjoni oħra ta' din id-deċiżjoni qafas ma tipprevedi li, wara l-iskadenza tat-termini previsti fl-Artikolu 17 tagħha, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun obbligata tipproċedi għal tali ħelsien provviżorju jew, a fortiori, għal ħelsien pur u sempliċi ta' din il-persuna", għax dan "[inkella] jista' jillimita l-effettività tas-sistema ta' konsenja stabbilita minn din id-deċiżjoni qafas u, b'hekk, ikun ta' ostakolu biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minnha" (punt 47).

42 Din hija l-*fiduċja* (il-premessa 10 tad-Deċiżjoni Qafas) li hija bbażata fuq il-prinċipju tar-*rikonoxximent reċiproku* "fundamentali" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas).

43 Ma humiex fis-sens li l-poter ġudizzjarju biss tista' tkun. Niżviluppa dan il-punt ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kawża C-509/18 li jien qed nippreżenta ukoll fl-istess data. Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 73 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

44 Ara, f'dan is-sens, de Otto, I., *Estudios sobre el Poder Judicial, Obras completas*, Universidad de Oviedo u CEPC, Madrid, 2010, u Requejo Pagés, J.L., *Jurisdicción e independencia judicia*l, CEPC, Madrid, 1989.

70. Barra minn hekk, ikun possibbli li deċiżjoni, bħall-mandat ta' arrest Ewropew, li tista' twassal għal ċaħda sinjifikattiva tal-libertà tal-persuna rikjesta fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, tiġi adottata minn persuna li, fl-Istat emittenti, ma tistax tiddeċiedi tali detenzjoni ħlief għal termini qosra ħafna u suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju immedjat.

71. Hemm lok li jiżdied li huma biss l-imħallef jew il-qorti li jistgħu jevalwaw kif xieraq il-proporzjonalità tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew [45].

72. Huwa minnu li, kif ġie diskuss fis-seduta, il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew mill-Prosekutur Pubbliku jista' eventwalment ikun suġġett ta' kontestazzjoni quddiem qorti tal-Istat ta' konsenja. Madankollu, din l-eventwalità twassal għal konsegwenzi li jagħmluha, fil-fehma tiegħi, inopportuna.

73. Fl-ewwel lok, minħabba d-diffikultajiet li dan jimplika għal-persuna mfittxija f'termini ta' eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Minn naħa peress li, minħabba l-assenza tagħha, ikun probabbli ħafna li hija tkun taf biss bil-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew meta tiġi arrestata fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Min-naħa l-oħra, minħabba li jkollha teżerċita d-dritt ta' difiża tagħha mingħajr garanzija ta' immedjatezza.

74. Fit-tieni lok, minħabba li din il-possibbiltà ta' reviżjoni twassal għal iktar dewmien fil-proċedura ta' konsenja, bi ħsara konsegwenti għal-libertà tal-persuna rikjesta, fil-każ li l-mandat ta' arrest Ewropew ikun inħareġ u tkun ingħatat, għall-eżekuzzjoni tiegħu, ordni ta' detenzjoni provviżorja.

75. Dawn id-diffikultajiet kollha jistgħu jiġu evitati, bl-ikbar ekonomija jekk, minflok ma tiġi rriżervata biss għall-qrati tal-Istat emittenti is-setgħa li jirrevedu mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-prosekutur pubbliku, huma jingħataw is-setgħa direttament li joħorġuh, bħalma huwa l-każ għall-finijiet tad-Deċiżjoni Qafas.

76. Il-qrati tar-rinviju jibdew mill-premessa li l-Prosekutur Pubbliku Ġermaniż ma jistax joħroġ mandat ta' arrest nazzjonali [46]. Il-Gvern Ġermaniż ikkonferma dan espressament waqt is-seduta, meta insista li din hija setgħa esklużiva tal-qrati. Issa, għalkemm fil-Ġermanja l-Prosekutur Pubbliku ma jista' la joħroġ mandat ta' arrest Ewropew u lanqas jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, ma narax kif jista' jieħu deċiżjoni li l-konsegwenzi tagħha jistgħu, fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, jinvolvu ċaħda sinjifikattiva tal-libertà tal-persuna rikjesta, li huwa l-każ tal-mandat ta' arrest Ewropew. Ikun paradossali li kieku ma jistax jagħmel l-inqas (joħroġ mandat ta' arrest nazzjonali għal perijodu qasir ta' żmien) filwaqt li jista' jagħmel l-iktar (joħroġ mandat ta' arrest Ewropew li jista' jwassal għal terminu ta' detenzjoni ħafna itwal).

77. Jekk, min-naħa l-oħra, u kif inhu l-każ fi Stati Membri oħra, il-Prosekutur Pubbliku Ġermaniż kien awtorizzat li jiddeċiedi l-arrest ta' persuna biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u suġġett għal ċerti limitazzjonijiet, li jmur lil hinn minn dawn il-limitazzjonijiet sabiex joħroġ mandat ta' arrest Ewropew, dan kien ikun ifisser li l-Prosekutur Pubbliku jista' jwettaq fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni iktar milli huwa permess lilu fl-Istat Membru emittenti.

78. Fl-aħħar nett, u f'ordni differenti ta' ideat, kif kelli l-opportunità li nesponi fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Özçelik [47] u li fakkart f'dawk ippreżentati fil-Kawża C-509/18 [48], ix-xogħlijiet preparatorji għall-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas jidhru li jindikaw li x-xewqa tal-leġiżlatur kienet li jeskludi l-Prosekutur Pubbliku mill-kwalifika bħala awtorità ġudizzjarja fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

45 Bħal fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:782), nota 21, nirreferi għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot dwar il-proporzjonalità fil-kuntest tal-mandat ta' arrest Ewropew fil-kawża Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:2016:140), b'mod partikolari fir-rigward tal-awtorità ġudizzjarja emittenti, fil-punti 145 sa 155.

46 Hekk issostni s-Supreme Court (il-Qorti Suprema) fil-punt 4.3 tad-digriet tar-rinviju, u ċċitat l-Artikoli 150 u 151 tal-GVG.

47 Kawża C-453/16 PPU (EU:2016:783, punti 39 sa 42).

48 Kawża Minister for Justice and Equality u P.F., C-508/18 u C-509/18.

Filwaqt li nirrikonoxxi l-konsistenza tal-argumenti ta' dawk li jsostnu l-oppost (l-għajbien tar-riferiment għall-prosekutur pubbliku, li kien fih l-ewwel verżjoni tal-artikolu, jimplika estensjoni tal-kunċett "awtorità ġudizzjarja"), naħseb li huwa iktar raġonevoli li jiġi interpretat bħala restrizzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

D. Il-garanzija tal-indipendenza

79. Il-Gvern Ġermaniż argumenta li, għall-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterju determinanti ma huwiex daqstant dak tal-indipendenza totali tal-prosekutur pubbliku, iżda dak tal-affiljazzjoni tiegħu mal-poter ġudizzjarju [49]. Fl-opinjoni tiegħu, l-indipendenza tal-Prosekutur Pubbliku ma għandhiex titħawwad mal-indipendenza tal-ġustizzja peress li, b'differenza minn dak li jiġri bl-attività tal-imħallef, dik tal-Prosekutur Pubbliku ma tirrikjedix separazzjoni sħiħa mill-attività tal-poter eżekuttiv, fis-sens li s-superviżjoni jew l-istruzzjonijiet ikunu pprojbiti [50].

80. Ma naqbilx ma' din l-analiżi.

81. Bl-istess mod li, bħal sostnejt fil-konklużjonijiet fil-punt 34 tal-kawża Poltork (C-452/16 PPU, EU:C:2016:782), "hemm rabta mill-qrib bejn in-natura ta' deċiżjoni ġudizzjarja u l-kwalità ta' awtorità ġudizzjarja li tirriżulta minnha", hemm ukoll rabta mill-qrib bejn l-indipendenza ta' awtorità u l-*kwalità* tad-deċiżjonijiet tagħha. Fi kliem ieħor, il-*kwalità ġudizzjarja* ta' awtorità tiddependi fuq in-natura u l-portata tal-indipendenza tagħha.

82. Inqis li l-livell rikjest ta' indipendenza jiddependi fuq l-attività li għaliha qiegħda tintalab. L-indipendenza rikjesta mill-awtorità li toħroġ mandat ta' arrest nazzjonali ma tistax tkun tant rigoruża daqs dik rikjesta minn korp ġudizzjarju, preċiżament minħabba li l-mandat ta' arrest nazzjonali huwa fi kwalunkwe każ suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju finali u immedjat.

83. Il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew jippreżumi l-iskattar ta' proċedura li, kif diġà għidt, tista' twassal għal intervent qawwi ħafna fil-qasam tal-libertà tal-persuna kkonċernata. L-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jitwettaq fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew ma jistax jilħaq il-livell ta' immedjatezza, ta' kompletezza u ta' intensità li jistgħu jiġu attribwiti lill-imħallef emittenti fir-rigward tal-mandat ta' arrest nazzjonali li huwa fl-oriġini tiegħu.

84. L-indipendenza ta' min joħroġ mandat ta' arrest Ewropew għandha għaldaqstant tkun massima. Kif biss tista' tkun dik ta' korp ġudizzjarju f'sens strett [51]. Għandu jkun hekk minħabba li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tapprova mandat ta' arrest Ewropew biss jekk tkun toffri l-garanziji kollha ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Jiġifieri deċiżjoni mogħtija minn korp ġudizzjarju li, peress li huwa tali, jgawdi mill-indipendenza karatteristika — u esklużiva — tal-poter ġudizzjarju.

85. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet partikolarment rigoruża meta ddeċidiet, fis-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), li "mhux biss id-deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew iżda wkoll dik dwar il-ħruġ ta' tali mandat għandhom jittieħdu minn awtorità ġudizzjarja li tissodisfa r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – fosthom il-garanzija ta' indipendenza –" [52].

49 Punt 95 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu fil-Kawża C-508/18.

50 *Idem*, punt 97.

51 L-indipendenza tal-poter ġudizzjarju hija, bħall-qorti stess, fis-servizz esklużiv tal-integrità tal-ordinament ġuridiku. Dwar l-indipendenza marbuta ma' istituzzjonijiet oħra, din għandha tkun akkumpanjata mill-garanzija ta' interessi speċifiċi, bħad-difiża tal-legalità jew l-oġġettività tal-azzjoni amministrattiva. L-interessi speċifiċi li jistgħu jiġu segwiti esklużivament b'mod leġittimu fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku, iżda li ma għandhomx l-għan proprju u esklużiv li jiddefendu dan tal-aħħar. Għalkemm għal dawk l-interessi speċifiċi l-ordinament ġuridiku huwa l-mezz li bih għandhom jitwettqu, għall-interess li jservi l-qrati l-ordinament ġuridiku huwa l-uniku għan rilevanti u għalhekk il-preservazzjoni tiegħu teħtieġ indipendenza li ma tippermetti la eċċezzjonijiet u lanqas sfumaturi.

52 Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġufizzjarja) (Kawża C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 56).

86. Din l-istess sentenza fiha dikjarazzjonijiet ċari dwar l-indipendenza tal-awtoritajiet involuti fil-ħruġ u r-riċeviment tal-mandat ta' arrest Ewropew:

– "Il-livell għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri li fuqu huwa bbażat il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa għalhekk ibbażat fuq il-premessa li l-qrati kriminali tal-Istati Membri l-oħra, li, wara l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, ser ikollhom imexxu l-proċedura kriminali ta' prosekuzzjoni jew ta' eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura ta' sigurtà li jċaħħdu l-libertà kif ukoll il-proċedura kriminali fuq il-mertu, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li jinkludu, b'mod partikolari, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imsemmija qrati" [53].

– "Issa, sabiex tiġi ggarantita din il-protezzjoni, il-ħarsien tal-indipendenza tal-imsemmija istanzi huwa primordjali, kif jikkonferma t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jsemmi l-aċċess għal qorti 'indipendenti2 fost ir-rekwiżiti marbuta mad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv (sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 41)" [54].

87. B'hekk din l-indipendenza tal-awtorità nazzjonali li toroġ il-mandat ta' arrest Ewropew tippresupponi, b'mod partikolari, li "l-istanza kkonċernata teżerċita l-attivitajiet ġudizzjarji tagħha b'awtonomija sħiħa, *mingħajr ma tkun suġġetta għal ebda rabta ġerarkika jew ta' subordinazzjoni fil-konfront ta' xi ħadd u mingħajr ma tirċievi ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors li jkun*, u b'tali mod li b'hekk tkun protetta kontra l-interventi jew il-pressjonijiet esterni li jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tagħha u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom" [55].

88. Dawn id-dikjarazzjonijiet, tant kategoriċi kif ukoll rilevanti għal sitwazzjonijiet fejn l-indipendenza ġudizzjarja tista' tiġi pperikolata, ma jistgħux jitħallew fil-ġenb meta hemm deċiżjonijiet ġudizzjarji li jaffettwaw il-libertà tal-persuni. Ikun paradossali jekk, wara s-sentenzi reċenti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-indipendenza ġudizzjarja, *jitbaxxa l-livell* rikjest, billi jiġi aċċettat bħala awtorità ġudizzjarja indipendenti korp li jista' jkun obbligat isegwi istruzzjonijiet minn poteri oħra.

89. Għall-Kummissjoni [56], ir-rekwiżit li min joħroġ mandat ta' arrest Ewropew ma jkunx suġġett għal ordnijiet jew struzzjonijiet ma jirriżultax tant min-neċessità li tkun awtorità b'indipendenza ġudizzjarja (li fl-opinjoni tagħha ma tkunx parti mill-kunċett "awtorità ġudizzjarja" fid-Deċiżjoni Qafas), iżda mill-intenzjoni tal-leġiżlatur tad-Deċiżjoni Qafas li jneħħi l-element politiku mill-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew meta mqabbla mal-estradizzjoni klassika.

90. Fil-fatt, id-Deċiżjoni Qafas għandha l-għan li tissostitwixxi s-sistema tradizzjonali ta' estradizzjoni, ikkaratterizzata minn komponent politiku sinjifikattiv ta' opportunità, b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji, ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u fuq livell għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri [57].

91. Il-binomju awtorità ġudizzjarja/indipendenza jista' jiġi sseparat biss f'dawk l-istadji tal-proċedura għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew fejn huma ssodisfatti l-garanziji mogħtija minn awtorità li, mingħajr ma tkun qorti, tista' tiġi kkwalifikata bħala "awtorità ġudizzjarja" għar-raġunijiet esposti fil-punti 36 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet. F'dan il-każ, l-imparzjalità u l-oġġettività li jikkaratterizzaw il-Prosekutur Pubbliku huma biżżejjed.

53 *Idem*, punt 58.

54 *Idem*, punt 53.

55 *Idem*, punt 63. Il-korsiv ma jinsabx fl-oriġinal.

56 Punt 38 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni fil-Kawża C-82/19 PPU.

57 Fuq livell ġenerali, ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Lanigan (C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 27).

92. Madankollu, fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri li jista' jkollhom impatt serju fuq il-libertà tal-persuni, il-proċedura għall-adozzjoni tagħhom tista' tkun ta' natura ġudizzjarja biss fis-sens proprju tal-kelma u konsegwentement tkun riżervata għall-poter ġudizzjarju, jiġifieri għal poter indipendenti *sensu stricto*.

93. Fi kliem ieħor, "awtorità ġudizzjarja" hija ekwivalenti għal "poter ġudizzjarju" (jiġifieri poter indipendenti) fejn l-eżerċizzju tal-poter pubbliku jista' jikkawża tali ħsara tant sinjifikattiva għal-libertà individwali bħal dik involuta fil-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, li l-oriġini tiegħu hija neċessarjament l-awtorità ġudizzjarja li ħarġitu. Jekk dan il-kunċett jista' jiġi estiż sabiex ikopri istituzzjonijiet oħra bħall-prosekutur pubbliku, dan ikun il-każ meta l-azzjoni tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju relattivament immedjat, kif inhu l-każ għall-mandati ta' arrest nazzjonali (iżda mhux meta jiġi adottat mandat ta' arrest Ewropew).

94. Il-natura ġudizzjarja tal-proċedura tad-Deċiżjoni Qafas, b'kuntrast man-natura politika tal-estradizzjoni klassika, timplika ġustament l-attribuzzjoni esklużiva tagħha, bħala prinċipju, għall-poter ġudizzjarju, li jimplika li din tiġi fdata, bid-definizzjoni tagħha, lil poter (radikalment) indipendenti [58]. Din il-konstatazzjoni hija mingħajr preġudizzju li ċerti fażijiet tal-proċedura jistgħu jiġu fdati f'istituzzjonijiet oħra, dejjem b'riżerva ta' stħarriġ ġudizzjarju. Dan ikun il-każ, pereżempju, tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest nazzjonali li għandu jippreċedi kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew.

95. Issa l-Gvern Ġermaniż jammetti apertament li, għalkemm hija prattika eċċezzjonali, il-Prosekutur Pubbliku jista' jirċievi ordnijiet u struzzjonijiet mill-poter eżekuttiv [59]. Din il-possibbiltà biss hija biżżejjed sabiex teskludi t-tgawdija tal-indipendenza ġudizzjarja, li hija kunċettwalment inkompatibbli ma' kwalunkwe forma ta' ordnijiet jew struzzjonijiet, kemm jekk ikunu teoretiċi jew eċċezzjonali, jew jekk jistgħu jkunu u jsegwu, jew le, proċeduri formalizzati għat-trasmissjoni tagħhom.

96. L-indipendenza, kif diġa għidt, hija inkompatibbli ma' kwalunkwe "rabta ġerarkika jew ta' subordinazzjoni fil-konfront ta' terzi". Id-detenturi tal-poter ġudizzjarju huma wkoll indipendenti mill-istanzi ġudizzjarji superjuri, li, għalkemm jistgħu jirrevedu u jannullaw is-sentenzi tagħhom *a posteriori*, ma jistgħux, madankollu jimponu fuqhom kif għandhom jiddeċiedu.

97. Għall-kuntrarju, l-istruttura ġerarkika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Ġermanja tiżvela l-eżistenza ta' subordinazzjoni bħal din: skont l-Artikolu 147 tal-GVG, il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja jew l-ekwivalenti tiegħu fil-Länder jissorveljaw u jmexxu l-attività tal-prosekutur pubbliku, fuq il-livelli territorjali rispettivi tagħhom. L-uffiċjali għolja tal-Prosekutur Pubbliku mal-qrati superjuri u l-qrati reġjonali, min-naħa l-oħra, jissorveljaw u jmexxu l-attività tal-uffiċjali fil-livelli inferjuri [60].

58 Fil-punt 73, nota 53, tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' arrest fl-Ungerija) (C-220/18 PPU, EU:C:2018:547), enfasizzajt li s-sistema ta' konsenja Ġermaniża tidher ispirata "mill-istess proċedura u l-istess prinċipji li jirregolaw l-estradizzjoni. Kif diġà ġie enfasizzat f'rapport tal-31 ta' Marzu 2009, ippreżentat mill-Kunsill lill-Istati Membri wara r-raba' sessjoni ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar l-applikazzjoni prattika tal-MAE, id-dispożizzjonijiet tal-IRG f'dan il-qasam, anki wara r-riforma tal-2006 'ma jgħinux sabiex tinftiehem li l-konsenja fuq il-bażi ta' MAE ma hijiex biss varjazzjoni kemxejn differenti ta' estradizzjoni klassika, iżda forma ġdida ta' għajnuna bbażata fuq prinċipji kompletament differenti […] F'din is-sitwazzjoni, l-esperti jqisu li hemm riskju li l-awtoritajiet ġudizzjarji [Ġermaniżi] jirrikorru għal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza dwar l-estradizzjoni […]' (ST 7058 2009 REV 2, tal-31 ta' April 2009, *Evaluation report on the fourth round of mutual evaluations "The practical application of the European arrest warrant and corresponding surrender procedures between Member States", report on Germany, p. 35*)".

59 Din il-possibbiltà teoretika mhux biss tirriżulta mir-relazzjoni istituzzjonali bejn il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-prosekutur pubbliku, iżda b'mod iktar partikolari mill-fatt li, skont id-dritt Ġermaniż, il-Prosekutur Pubbliku qed jaġixxi, f'dan il-qasam, b'delega mill-Ministeru għall-Ġustizzja (jew l-ekwivalenti tagħhom fil-Länder). Fil-fatt, kif fakkart fil-punt 73, nota 52 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija), C-220/18 PPU, EU:C:2018:547), "Skont in-nota mibgħuta mill-Gvern Ġermaniż lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, fis-7 ta' Awwissu 2006 (ST 12509 2006 INIT, tas-7 ta' Settembru 2006), 'l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti skont l-Artikolu 6 [tad-Deċiżjoni Kwadru] huma l-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Federazzjoni u tal-Istati Federali (Länder)." Dan huwa dak li jikkonferma l-punt 2.7 tad-digriet tar-rinviju.

60 Waqt is-seduta kien hemm dibattitu dwar il-possibbiltà li l-Prosekutur Pubbliku li ma jikkonformax mal-istruzzjonijiet jista' jiġi eskluż mit-tilwima jew ikun espost għal konsegwenzi negattivi għall-karriera tiegħu fil-futur. Fuq dan l-aspett hemm ċerta kontroversja fl-ambjenti ġudizzjarji Ġermaniżi.

98. Kif ġie kkonstatat waqt is-seduta, hemm differenzi kbar bejn il-Länder dwar il-politika istituzzjonali li tirregola l-prosekutur pubbliku. Flimkien mal-Länder fejn l-istruzzjonijiet lill-Prosekutur Pubbliku jistgħu jsiru biss bil-miktub u huma pubbliċi, f'oħrajn isiru b'mod orali. Barra minn hekk, hemm ukoll Länder li li pproponew li qatt ma jagħmlu użu minn din il-fakultà.

99. Din id-diversità tirrifletti dik li teżisti bejn l-Istati Membri differenti f'dak li jirrigwarda l-awtonomija istituzzjonali u funzjonali tal-prosekutur pubbliku. Għalkemm żviluppajt dan il-punt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-509/18[61], id-disparità bejn is-sistemi tobbliga lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tiddetermina f'kull każ, skont l-Istat Membru tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew, il-grad ta' indipendenza tal-Prosekutur Pubbliku emittenti. B'mod partikolari, għandu jiġi żgurat jekk ikunx possibbli li jingħataw struzzjonijiet mill-Ministeru għall-Ġustizzja u jekk din il-fakultà ntużatx fil-mandat ta' arrest Ewropew li konkretament għandu konjizzjoni tiegħu. Il-konsegwenza inevitabbli tkun id-dewmien sistematiku fil-proċedura għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew (bil-possibbiltà ta' impatt fuq iż-żmien ta' ċaħda tal-libertà tal-persuna detenuta) u ż-żieda ta' proċedura li tmur kontra s-simplifikazzjoni li l-leġiżlatur xtaq jagħti lil dan il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ġudizzjarja.

V. Konklużjoni

100. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb lis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda) u lill-High Court (il-Qorti Superjuri, l-Irlanda) kif ġej:

"L-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' 'awtorità ġudizzjarja emittenti', previst f'din id-dispożizzjoni ma jinkludix l-istituzzjoni tal-prosekutur pubbliku".

61 Kawża Minister for Justice and Equality u P.F., C-509/18), punti 32 sa 35